TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/219/17/S

<u>*Doris Sammut*</u>
<u>*vs*</u>
<u>*C. Fino & Sons Ltd*</u>

Illum, 17 ta' Mejju, 2018.

It-Tribunal:

Ra l-Avviż tat-Talba ta' Doris Sammut ippreżentata fl-1 ta' Diċembru, 2017 kif ukoll ir-Risposta ta' C. Fino & Sons Ltd ippreżentata fid-19 ta' Frar, 2018;

Ra d-dokumenti ippreżentati, sema' lill-partijiet kif ukoll ix-xhieda kollha mressqa u t-trattazzjoni magħmula fis-seduta tat-22 ta' Frar 2018.

Ikkunsidra:

Illi permezz tal-Avviż tat-Talba, l-attriċi talbet li s-soċjetà intimata tkun ikkundannata tħallasha s-somma ta' tmien mija u tmenin Ewro (€880.00). In sostenn tat-talba tagħha, l-attriċi spjegat:

- Illi hija ordnat pultruna mingħand is-soċjetà intimata nhar is-26 ta' Jannar, 2017;

- Illi nstab xi tqaxxir fil-ġilda tal-*arm rest* tax-xellug;

- Illi hija ndunat bid-difett dakinhar li l-pultruna twasslet għandha;

- Illi s-Sur Mario Borg (f'isem is-soċjetà intimata) qalilha li l-pultruna kienet ser tinbidlilha (*stante* d-difett) fi żmien erba' xhur;

-Illi l-pultruna kienet tiswa' tmien mija u tmenin Ewro (€880.00) li minnhom l-attriċi kienet diġà ħallset sitt mija u sebgħin Ewro (€670.00) u kien jonqosha tħallas mitejn u għaxar Ewro (€210.00);

-Illi erba' xhur wara, is-soċjetà intimata nfurmatha li ma kinitx ser tagħtiha pultruna ġdida iżda kienu ser jaqilgħu l-*cover* tal-pultruna u jqiegħdu minfloku *cover* tal-ġilda totalment ġdida;

-Illi l-attriċi m'aċċettatx li jsir hekk.

Illi fir-Risposta tagħha, is-soċjetà intimata eċċepiet:

-Illi l-attriċi naqset li ssegwi l-Art. 79(1) u 79(2) tal-Kap. 378 u ċioe li m'avżatx lis-soċjetà intimata dwar in-nuqqas ta' konformità tramite att ġudizzjarju jew ittra mibgħuta bil-posta reġistrata entro xahrejn minn meta hija ndunat bl-allegat difett;

-Illi r-rikorrenti minn jeddha iddeċidiet li ma tħallasx il-bilanċ rimanenti ta' mitejn u għaxar Ewro (€210.00);

-Illi Mario Borg, li huwa *credit controller* fi ħdan is-soċjetà intimata, aċċetta li r-rikorrenti tħallas il-bilanċ rimanenti ladarba l-ħsara relattiva tiġi msewwija;

-Illi filwaqt li l-*credit controller* fi ħdan is-soċjetà intimata wiegħed li s-soċjetà kienet ser tagħmel ħilitha biex toffri rimedju, qatt ma kien imsemmi jew maqbul li l-pultruna kienet ser tiġi rimpjazzata;

-Illi Alan Calleja (*After Sales Manager* fi ħdan is-soċjetà intimata) ikkuntattja lir-rikorrent u għamlilha offerta;

-Illi wara li s-soċjetà intimata ordnat il-*cover* ġdida biex tirrimedja l-ħsara, ir-rikorrenti bdiet tinsisti li s-soċjetà intimata tirrimpjazza l-pultruna totalment, jew inkella tħalli l-pultruna oriġinali bil-ħsara kif kienet u minflok, tingħata riduzzjoni fil-prezz ekwivalenti

għall-ammont ta' mitejn u għaxar Ewro (€210.00) li kien għad fadlilha tħallas;

-Illi s-soċjetà intimata m'aċċettatx li tirrimpjazza jew tirriduċi l-prezz stante li skont l-Art. 76 tal-Kap. 378, ma kienx minnu li l-ħsara ma setgħetx tiġi irrimedjata. It-tiswija kienet ser issir fi żmien raġjonevoli u r-rikorrenti ma kienet ser issofri ebda inkonvenjent sinifikanti.

*L-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà intimata*

Illi r-rikorrenti ma ppreżentat ebda prova li hija segwiet il-provvedimenti tal-Art. 79 tal-Kap. 378 billi nfurmat lis-soċjetà intimata bl-allegat nuqqas ta' konformità tramite att ġudizzjarju jew ittra mibgħuta bil-posta reġistrata hlief li semmiet li mal-ewwel infurmat lis-socjeta intimata bid-difett.

*Il-mertu*

Illi r-rikorrenti ammettiet li kien fadlilha tħallas mitejn u għaxar Ewro (€210.00) lis-soċjetà intimata u xehdet li meta l-pultruna ġiet ikkonsenjata lilha f'April,2017, hija minnufih indunat li kellha madwar pulzier ta' ġilda mqaxxra f'waħda mill-kantunieri. Meta hija nfurmat lill-persuna li għamel il-konsenja, eventwalment dan ħareġ xi għodda biex jipprova jagħmel *polishing*. Dak il-ħin, ir-rikorrenti osservat li l-*polishing* kien inutli jekk il-ġilda kienet tqattgħet.

Illi l-Art. 74(1) tal-Kap. 378 jgħid:

"*Il-kummerċjant ikun responsabbli li jipprovdi rimedju skont dan l-artikolu lill-konsumatur għal kull nuqqas ta' konformità fl-oġġetti li kienet teżisti meta l-oġġetti ġew ikkunsinnati mill-kummerċjant lill-konsumatur. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' din it-Taqsima, għandu jkun il-konsumatur li jiddeċiedi x'rimedju għandu jitlob.*"

Illi l-Art. 74(2) tal-Kap. 378 jgħid li f'każ ta' tali nuqqas ta' konformità, il-konsumatur ikollu jedd jew "*li l-oġġetti jinġiebu konformi bla ebda ħlas billi jissewwew jew jiġu rimpjazzati, skont l-artikolu 75(1)*" jew "*jirċievi ħlas lura ta' tnaqqis fil-prezz adattat jew li ssir ir-rexxissjoni tal-kuntratt għar-rigward ta' dawk l-oġġetti, skont l-artikolu 76(1) jew (2)*".

Illi mill-fatti esposti u mix-xhieda relattiva, jidher ċar li s-soċjetà intimata offriet li ssewwi l-pultruna billi tbiddel il-*cover* tal-ġilda. Fir-Risposta, is-soċjetà intimata spjegat li Alan Calleja (*After Sales Manager*) offra mhux biss li tinbidel l-*arm rest* iżda saħansitra l-*cover* sħiħ tal-pultruna. Huwa offrielha li sakemm isir ix-xogħol, ir-rikorrenti kellha tiġi mislufa pultruna oħra. Qabel tkun irritornata l-pultruna msewwija, ir-rikorrenti kellha tingħata l-opportunità teżaminaha biex tara togħġobhiex u l-ispejjeż marbutin mat-tiswija u t-trasport tal-pultruna rranġata kellhom jitbatew mis-soċjetà intimata.

Illi kif xehdet ir-rikorrenti stess, meta din intebħet bid-difett, hija ddeċidiet dak il-ħin stess li ma tħallasx il-bilanċ ta' mitejn u għaxar Ewro (€210.00) li kien fadal. Fil-fehma tat-Tribunal, ir-rikorrenti ma setgħetx hi stess taqbad u tiddeċiedi li ma tħallasx. Il-liġi tagħti s-setgħa lill-konsumatur li jagħżel x'rimedju jrid. Fost dawn ir-rimedji, il-liġi tipprovdi fl-Art. 74(2)(b) li l-konsumatur jingħata tnaqqis addattat fil-prezz. Iżda l-liġi tesiġi wkoll li dan ir-rimedju huwa alternattiv għar-rimedju tat-tiswija jew rimpjazzar. Inoltre, rimedju ta' tnaqqis fil-prezz, min-natura tiegħu stess, jitlob li s-suġġeriment inizjali rigward b'kemm għandu jitnaqqas il-prezz jiġi mis-soċjetà intimata stess *stante* li kienet din is-soċjetà li ddeċidiet il-prezzijiet tal-affarjiet mibjugħin minnha.

Illi għalkemm jinkombi fuq il-konsumatur li jagħżel iridx tiswija jew rimpjazzar jew inkella tnaqqis addattat fil-prezz jew rexxissjoni tal-kuntratt, jidher li s-soċjetà intimata offriet biss ir-rimedju tat-tiswija tramite bdil tal-*cover*.

Illi fil-fehma tat-Tribunal, għalkemm is-soċjetà intimata aġixxiet skont dak li tesiġi l-liġi, hija xorta waħda għandha tkun disposta li jekk ir-rikorrenti tibqa' ma taċċettax ir-rimedju tat-tiswija, hija toffri tnaqqis addattat fil-prezz.

Illi rigward l-ammont mitlub mir-rikorrenti, it-Tribunal huwa konvint li l-ammont ta' tmien mija u tmenin Ewro (€880.00) huwa eċċessiv, speċjalment fid-dawl tal-fatt li r-rikorrenti ammettiet li hija ħallset biss sitt mija u sebgħin Ewro (€670.00) minn dak l-ammont.

Illi t-Tribunal ma jissostitwixxix d-diskrezzjoni tas-soċjetà intimata biex jigi stabbilit it-tnaqqis xieraq fil-prezz (dejjem jekk ir-rikorrenti tagħżel dak ir-rimedju partikolari).

*Deċide*

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti limitatament u fis-sens li jordna lis-soċjetà intimata sabiex tkun disposta tipprovdi tiswija jew rimpjazzament tal-*cover* tal-gilda (kif gja suggerit) jew inkella tnaqqis addattat fil-prezz skont dak li jipprovdi l-Art. 74 tal-Kap. 378, b'dan ukoll li l-għażla tar-rimedju tinkombi fuq ir-rikorrenti.

It-Tribunal jordna li kull parti għandha tħallas l-ispejjeż tagħha.

Richard Sladden Av.
Arbitru